# Ħidmet iż-żgħażagħ fil-każin



**Clayton Vella**
***Sezzjoni Żgħażagħ***

Għaddiet sena oħra u reġa' wasal iż-żmien biex nikteb dawn il-kelmtejn rigward ix-xogħol li jsir mis-Sezzjoni Żgħażagħ ġewwa l-każin. Nixtieq l-ewwel nett ngħid grazzi lill-Kumitat Direttiv li għoġbu jaħtarni *chairperson* ta' dan il-grupp u nilqa' fostna lil dawk il-membri ġodda li daħlu magħna. Din is-sena kellna sena impenjattiva ħafna għax hekk kif għaddiet il-festa tal-Vitorja kif ukoll il-Festa tal-Madonna tal-Mellieħa, bdew il-laqgħat dwar il-wirja tal-presepji. Wara r-rispons li kellna fuq is-sena l-oħra ġie deċiż li din is-sena l-wirja tikber għalhekk saret ġewwa s-sala ewlenija tal-każin fejn kellna presepju mekkanizzat, presepju biċ-ċikkulata u diversi presepji oħra. Iktar dettalji fuq din il-wirja jinstabu iżjed 'il quddiem f'dan il-ktejjeb.

Wara sena assenza, din is-sena reġgħet itellgħat il-wirja li ssir fl-ewwel xhur tas-sena fejn din is-sena għażilna t-tema 'Passatempi u Kollezzjonijiet'. Din il-wirja ntlaqtet tajjeb ħafna mill-pubbliku li ġie jżurha. Dan ikompli jqawwina biex inkomplu naħdmu fuq wirjiet oħra.

Komplejna l-ħidma tagħna fejn jidħlu preparamenti għall-banda fejn din is-sena kienet sena impenjattiva ħafna. Wara li għadda l-programm annwali ta' Ħadd il-Palm bdew il-preparamenti għall-Festival Internazzjonali tal- Baned li sar bejn it-30 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju fejn il-banda tagħna ħadet sehem fis-serata tal-ftuħ u kienet ta' esperjenza sabiħa ħafna ndoqqu ma' Einsford Band. Wara li spiċċa l-programm u riċeviment fis-sala tal-każin ġie organizzat *karaoke* mis-Sezzjoni Żgħażagħ fejn kien hemm konkorrenza sabiħa.

Erġajna armajna s-sala tal-kunċerti fejn ġimgħatejn wara għamilna *recording* għall-ewwel darba ġewwa s-Sala tal-Mużika tagħna stess. Hekk kif għadda r-*recording* għamilna preparamenti għall-programm tal- ħġejjeġ ta' San Ġwann. Dawn l-avvenimenti jinvolvu ħafna preparamenti ta' mużika u għal kull programm tintagħże mużika differenti. Din is-sena ġie deċiż mis-Sezzjoni Żgħażagħ li norganizzaw ikla għal Jum l-Omm u Jum il-Missier. L-ikla ta' Jum l-Omm ġiet organizzata nhar id-9 ta' Mejju fejn organizzajna *Pasta & Karaoke Night* u kellna numru sabiħ ta' nies. Ġiet mgħotija qasrija lil kull mara preżenti. Għal Jum il-Missier ġie deċiż li jsir *Cold Buffet & Karaoke Night* nhar it-13 ta' Ġunju fejn kellna nurmu sabiħ ta' nies ukoll.

Il-qofol tax-xogħol għal-festa jibda għall-bidu ta' Lulju meta nibdew induru mal-Mellieħa niġbru l-flus għall-festa kif ukoll it-tqassim bil-*magazine* tal-festa fejn dawn tal-aħħar jirrikjedu ħafna xogħol u konkorrenza minn kulħadd biex jsiru f'qasir żmien.

Nixtieq ngħalaq dawn il-kelmtejn billi f'ismi u f'isem sħabi tas-Sezzjoni Żgħażagħ nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd u nħeġġeġ lil sħabi biex inkunu iktar numerużi għad-diversi attivitajiet li jsiru matul is-sena għax b'hekk ix-xogħol jinqasam fuq iżjed idejn u jkun hemm inqas tbatija. Viva Marija Bambina u Viva l-Banda Imperial.

***Inħeġġu lil kulħadd sabiex nattendu għall-funzjonijiet reliġjużi u nersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin b'mod speċjali matul il-ġranet tal-Festa.***